Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/50*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 50 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju, 2012 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-48 u 6-49

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 6-48

**Paragrafu 3:- Problema tal-ilma tax-xita fi Triq Għammar -** Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li saret l-ispezzjoni fi Triq Għammar ġie deċiż li jsir 'survey' tal-livelli tat-triq. Fil-fatt is-'survey' sar u jidher li l-livelli tat-triq qegħdin b'tali mod li l-ilma tax-xita għandu jgħaddi minn kull naħa tat-triq peress li n-nofs tat-triq qiegħed f'livel għola. Il-Kunsill qabel li ngħaddu dan is-'survey' lill-Perit Scerri li kien għamel ir-rapport f'isem Tereżina u Rikarda Zammit.

**Paragrafu 4:-** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bini ta' ħitan li ġġarfu kawża tal-maltempata tal-10 ta' Marzu qed isiru mill-ħaddiema tal-Gvern u tal-Kunsill kif spjegat fl-aħħar laqgħat. Il-ħajt li ġġarraf fi Triq Wied l-Għasri (tan-naħa t'isfel fejn it-triq hija miksija bit-tarmak) huwa aktar perikoluż minn dak ta' Triq il-Gallina u għalhekk il-ħaddiema bdew jibnu dan il-ħajt. Wara ser jibnu dak ta' Triq il-Gallina. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kif propost.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 18/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 33851 dwar kontijiet tat-telefon.

4.02 Memo 19/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 34124 dwar sistemi CCTV fi 'playing fields'.

4.03 Memo 20/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 34254 dwar impjegati fil-Kunsill.

4.04 Memo 21/2012 – Proċedura addottata għat-Tweġibiet għal Mistoqsijiet Parlamentari.

4.05 Josephine Borg mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority, infurmat lill-Kunsill dwar laqgħat li jistgħu jsiru dwar drittijiet u dmirijiet tal-konsumatur.

4.06 L-AKL stiednet lill-membri tal-Kunsill biex min huwa interessat jattendi għal seminar dwar l-Enerġija u Tibdil fil-Klima li ser issir fis-7 ta' Lulju waqt il-Fiera Nazzjonali ta' Malta. Min ikun interessat għandu jimla l-formola ta' reġistrazzjoni.

4.07 Transport Malta approvat biex teħel mera tat-traffiku fi Triq il-Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ biex teħel il-mera tat-traffiku.

4.08 L-AKL infurmat lis-Sindki u Viċi Sindki li l-Laqgħa għalihom li jmiss ser issir nhar il-25 u 26 ta' Mejju 2012.

**5. Ittra ta' Direzzjoni 2011**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar l-ittra ta' direzzjoni 2011. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar ir-risposta għall-ittra ta' direzzjoni fejn se jiġu imwieġba l-punti kollha imsemmija fl-ittra ta' direzzjoni.

**6. Kwotazzjonijiet – Xogħol fi Sqaq San Pupulju u Sqaq Dun Ġużepp Cassar**

i. Kwotazzjoni LC25/2012-02 – Xogħlijiet fi Trejqet San Pupulju:-
Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq. Dawn huma ta' Gatt Tarmak Ltd (€5999.00) u ta' A&E Mintoff Co Ltd (€5198.00).

ii. Kwotazzjoni LC25/2012-03 – Xogħlijiet fi Trejqet Dun Ġużepp Cassar :-
Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq. Dawn huma ta' Gatt Tarmak Ltd (€5232.00) u ta' A&E Mintoff Co Ltd (€5724.00).

F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u qabel li mhux possibbli finanzjarment li jsiru x-xogħlijiet taż-żewġ sqaqin. Is-Sindku spjega li l-problema tal-ilma tax-xita qegħda fi Trejqet San Pupulju u għalhekk il-Kunsill jista' jiddeċiedi li ssir dik il-parti biss. Il-ħsieb kien li l-ilma ta' Trejqet Dun Ġużepp Cassar ma jibqax jmur lejn Trejqet San Pupulju. Iżda jekk isir il-water culvert fi Trejqet San Pupulju, dan għandu jsolvi l-problema ta' din it-triq u b'hekk m'hemmx għalfejn tintmess Trejqet Dun Ġużepp Cassar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ġie deċiż li jsir ix-xogħol biss fi Trejqet San Pupulju.

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerti li irċieva għal xogħlijiet fi Trejqet San Pupulju u qabel unanimament li għandu jaċċetta l-aktar offerta vantaġġjuża u li hija ta' A&E

Mintoff Co Ltd. Dwar din il-kwotazzjoni li s-somma tagħha hija ta' €5198.00 il-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni wkoll li dan l-ammont huwa stima u għalhekk l-ispiża attwali mistennija li tkun anqas mil-limitu ta' offerta (€4662.00).

**7. Offerta – Resurfacing ta' parti minn Triq il-Fanal**

Peress li ma kien hemm ebda żvipulli ġodda dwar dan is-suġġett, il-Kunsill qabel li għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**8. Materja oħra**

8.01 Louis Saliba li joqgħod ir-Rabat iżda għandu l-egħlieqi tiegħu fl-inħawi ta' Triq il-Kanun L-Għasri, talab lill-Kunsill biex parti minn Triq il-Kanun titwessa peress li qed ikun hemm problemi biex wieħed jipparkja jew idawwar. Il-Kunsill jixtieq li jagħmel dan ix-xogħol iżda mhux finanzjarment possibbli li jsir bħalissa.

8.02 Rose Sultata ta' Triq il-Knisja, talbet biex issir 'Stop' fi Triq Wied Sara kantuniera ma' Triq il-Wiġa peress li hemm periklu tat-traffiku f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li napplkaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta u anke nitolbu l-parir tal-Bord dwar it-Traffiku dwar x'jista' jsir biex jitnaqqas il-periklu.

8.03 Il-Kunsill qabel li l-bank li hemm fi Triq il-Wilġa għandu jitneħħa. Dan huwa bank mill-qodma tal-konkos u l-injam. L-injam ilhom xi żmien neqsin. Peress li l-bank qiegħed fuq bankina, il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa biex ma jkomplix jostakola l-istess bankina.

8.04 Fi Triq il-Knisja, fil-parti fejn jibda t-tarmak int u tiela, hemm ħofra li hija perikoluża. X'aktarx li taħtha hemm xi kaptella li nkisret u għalhekk il-Kunsill qabel li din għandha titranġa u b'hekk jitneħħa kull periklu.

8.05 Mark Zammit ta' Triq il-Fenek, talab biex isiru sinjali sofor fejn tiegħu peress li mhux ikun jista' jidħol/joħroġ meta jkun hemm karozzi pparkjati fil-kantuniera. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta biex isiru dawn is-sinjali sofor.

8.06 Il-Kunsilliera Renance Vella Aquilina ipproponiet li issir banikina fi Triq il-Ġonna. Il-Kunsill qabel li issir din il-bankina.

**9. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-50 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju, 2012 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.15p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |